MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2010

Numru 308/2000

**Il-Pulizija**
**(Spettur Martin Sammut)**

**Vs**

**Saviour Schembri, iben il-mejjet Joseph u Maria Antonia nee' Chricop, imwieled fl-24 ta' Frar 1946, Birzebbugia u residenti 36, Vonsun, Triq il-Brolli, Birzebbugia, u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 204246(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi Saviour Schembri akkuzat talli fil-15 ta' Mejju 1998 u/jew fil-granet ta' qabel, gewwa Hal Luqa u bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. xjentement ghamel uzu minn cedola, polza, ordni, jew dokument falz u cioe' dokumenti tas-socjeta estera General Equipment Ltd ta'l-Ingilterra, u dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircevi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficjal pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u dana bi ksur ta'l-Artikolu 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza u cioe' dokumenti tas-socjeta estera General Equipment Ltd., ta'l-Ingilterra, u dokumenti ohra u dan bi ksur ta'l-artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. xjentement ghamel uzu minn dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, jew ta dikjarazzjoni jew certifikat falz, u cioe' dokumenti tas-socjeta estera General Equipment Ltd. ta'l-Ingilterra u dokumenti ohra u dana bi ksur ta'l-artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz u dan bi ksur ta'l-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u d-Direttur tad-Dwana u tas-Sisa, fil-kapacita tieghu bhala Direttur ta' General Ecological Services Malta Company Limited, xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam filli bil-qerq tinharab Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni (E.T.I.) li tamonta ghal Lm1754 dovuta lill-Gvern ta' Malta, fuq merkanzija li ddahhlet f'Malta bl-ajru mat-titjira KM505 minn Hamburg fit-13 ta' Mejju 1998 billi ippermetta u/jew issottometta dokumenti lid-Dwana ta' Malta li bid-dehen taghhom kienu foloz f'dettal sostanzjali, liema merkanzija giet rilaxxjata bid-dokument tad-Dwana Duty Entry L13375 fil-15 ta' Mejju 1998 u dan kollu bi ksur ta'l-Artikoli 18, 62(h)(i)(m) tal-Kapitolu 37 u l-artikolu 18A tal-Kpaitolu 337 tal-Ligijiet

ta’ Malta u l-artikolu 69 ta’l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa (Att.Nru. XII ta’l-1997).

Rat l-kunsens ta’l-Avukat Generali tad-9 ta’ Mejju 2000 mahrug ai termini ta’l-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li wasslu sabiex l-imputat jigi akkuzat quddiem dina l-Qorti svolgew ‘il fuq minn ghaxar snin ilu u cioe’ fis-sena 1998. Il-kawza imbaghad giet intavolata fit-3 ta’ Mejju tas-sena 2000. Iter processwali pjuttost twil li wassal sabiex evidenza importanti ghal dana l-kaz mal-medda taz-zmien ma setatx tingabar. Illi dina l-Qorti kif ippreseduta bdiet tisma’ dina l-kawza fil-21 ta’ Frar tas-sena 2007, meta l-prosekuzjoni kienet ghada lanqas ghalqet mill-provi. Saret talba mill-prosekuzzjoni fis-6 ta’ Dicembru 2006 sabiex isiru l-ittri rogatorji peress illi fl-atti processwali kien hemm xi dokumenti li gew rilaxxjatiu minn persuni li kienu jinsabu barra minn Malta u cioe’ gewwa l-Ingilterra. Fil-fatt wiehed mid-dokumenti ewlenija li fuqu huma ibbazati l-ewwel tlett akkuzi, gie rilaxxjat minn socjeta estera. Illi r-risposta ghal dawn ir-rogatorji wasslet minn barra fil-bidu ta’ Lulju tas-sena 2008.[1] Minn hawn jirrizulta illi informazzjoni importanti u siewja ghal dawn il-proceduri kienet giet distrutta minhabba t-trapass taz-zmien, kif ukoll is-socjeta estera imsmemija fl-ewwel akkuzi kienet fi stadju ta’ likwidazzjoni. Illi wara dana il-prosekuzzjoni iddikjarat li ma kellhiex iktar provi x’tipproduci. Il-Qorti semghet trattazzjoni u dana peress illi l-imputat iddikjara li ma kienx ser iressaq provi u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Illi mix-xhieda u id-dokumenti li jinsabu fil-process jirrizulta illi s-socjeta Maltija bl-isem General Ecological Services

[1] Ara Dokument HMRC a fol.157 et seq tal-process

Limited kienet ghal habta ta’ Mejju 1998 importat *sewer inspection machine* u dana minhabba n-natura tan-negozju taghha ta’ tindif ta’ drenagg. Direttur ta’ dina il-kumpanija kien l-imputat, ghalkemm l-prosekuzzjoni ma tressaq l-ebda prova dwar l-esistenza o meno ta’ dina s-socjeta f’Malta u ghalhekk wisq anqas tad-diretturi, azzjonisti jew persuni responsabbli ghall-istess. Il-valur iddikjarat ghal din il-magna lid-Dipartiment tad-Dwana kien ta’ 70550 deutshmark. Dana jirrizulta mill-import declaration form (Ascyuda 1 bin-numru 807120) esebita bhala Dokument AS4 fid-Dokument JB1. Dana il-valur gie ibbazat fuq dokument iehor u cioe’ invoice, li l-prosekuzzjoni tallega li huwa falz (Dokument AS10 fid-Dokument JB1). Madanakollu l-ispettur tad-Dwana certu Anthony Spiteri kellu dubbju ghar-rigward tal-valur iddikjarat fuq dana id-dokument peress illi deherlu illi dina l-magna kienet tiswa hafna iktar. Il-magna kienet inxtrat minn socjeta estera bl-isem ta’ General Equipment Limited gewwa l-Ingilterra u kellha tigi importata minn socjeta estera Ibak Helmut Hamnger Kiel GMBH. Ghalkemm l-ispettur kellu dana id-dubbju fuq il-valur, il-magna xorta wahda giet rilaxxjata u komplew l-investigazzjonijiet min-naha tad-Dipartiment tad-Dwana. Id-Dipartiment ghal dana il-ghan ikkomunika mad-Dipartiment tad-Dwana gewwa l-Ingilterra l-HM Customs and Excise National Investigation Services li min-naha taghhom ghamlu xi stharrig u irrizulta illi fil-fatt is-socjeta General Equipment Limited ma kenitx tiggestixxi in-negozju taghha mill-Ingilterra, izda mill-Italja. L-indirizz fl-Ingilterra kien ta’ socjeta ta’ accountants li kienu jahdmu ghal dina is-socjeta. Fil-fatt dawna kienu ghaddew xi dokumenti konsistenti f’invoices ghar-rigward dana in-negozju lil HMRC minn fejn irrizulta illi dina l-magna fil-fatt kienet tiswa 123550deutschmark[2] u mhux il-valur indikat fuq l-invoice rilaxxjata mis-socjeta General Equipment Ltd u cioe’ id-Dokument AS10. Ghalhekk gie ikkalkolat illi fuq dina id-diskrepanza fil-valur kellha tithallas is-somma ta’ Lm1754 ohra lill-gvern bhala taxxa tas-SISA fuq l-importazzjoni.

[2] Ara Dokumenti AS16 sa AS22 li jinsabu fid-Dokument JB1

Illi l-imputat ma xehedx f'dawn il-proceduri. Huwa irrilaxxja zewg stqarrijiet lill-pulizija meta kien qed jigi investigat.[3] Hawnhekk huwa jirrakonta dak li gara u cioe' x'wassal sabiex huwa jimporta dina l-magna. Jikkonferma illi huwa direttur tas-socjeta General Ecological Services Ltd. Jistqarr illi xi zmien qabel huwa kien iltaqa' ma persuna bl-isem ta' Frank mis-socjeta General Equipment Ltd. li hajjru jixtri dina it-tip ta' magna u mar mieghu ghand is-socjeta IBak gewwa il-Germanja, izda fuq parir ta' dan Frank ighid illi l-magna ma xtrahiex direttament minn ghand din il-kumpanija fil-Germanja ghaliex qallu li huwa seta jakkwistaha bi prezz irhas. Ghall-ewwel l-imputat ighid li ma fdahx u ipprova jixtri il-magna hu direttament minn ghand is-socjeta Germaniza li madanakollu iddiregietu sabiex jaghmel n-negozju ma' dana Frank u hu hekk ghamel. Minn jeddu l-imputat imbaghad ghadda lill-Spettur Sammut id-dokumenti mahruga mil-bank ghar-rigward ta' tlett transazzjonijiet illi huwa ghamel ta' swift transfers li permezz taghhom huwa kien effettwa il-pagament ghal din il-magna.  Tnejn minnhom kienu mibghuta mill-Bank of Valletta fl-ammonti ta' 69500 u 34401 deutschmark  u l-ahhar wahda tad-29 ta' April 1998, minghuta mill-HSBC fl-ammont ta' 19650 deutschmark. Dawna id-dokumenti gew ikkonfermati mill-ufficjali tal-banek rispettivi fil-kors tal-kawza li ukoll ikkonfermaw illi dawn il-pagamenti kienu saru mill-imputat Saviour Schembri[4]. Minn dana ghalhekk irrizulta illi l-imputat fil-fatt hallas is-somma ta' 124051 u ghalhekk ta'l-ammont indikat fl-invoices mibghuta mill-HMRC lid-Dipartiment tad-Dwana. L-imputat madanakollu jichad illi huwa mela id-Dokument AS4 u cioe' l-Import Decalaration form, jichad ukoll meta muri dana id-Dokument mill-ispettur illi l-firma fuq id-dokument hija tieghu, kif jichad ukoll illi id-Dokument AS10 huwa falz u cioe' l-invoice tal-General Equipment Limited.

Illi l-akkuzi ewlenija migjuba fil-konfront ta'l-imputat huma akkuzi dwar falsifikazzjoni u precisament dwar l-uzu ta' dokument li huwa kien jaf li kien wiehed falz jew li kellu

[3] Dokumenti MS5 u MS6 a fols. 37 sa 39
[4] Xhieda ta' Carmel Borg a fol.85 u Angelique Galea a fol.94

informazzjoni falza (Id-Dokument AS10) u illi ghamel dikjarazzjoni falza f'dokument id-Dokument AS4). Illi sabiex dina l-Qorti tista' issib xi htija fil-konfront ta'l-imputat ghalhekk irid ikun gie ippruvat illi l-imputat qabel xejn kellu ix-xjenza jew kellu l-intenzjoni li jaghmel uzu minn dana id-dokument falz jew li kien jaf illi d-dokument li kien qieghed jipprezenta kien wiehed falz kif ukoll illi xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dokument iehor. Illi ghalhekk qabel ma tidhol biex tezamina d-disposizzjonijiet tal-ligi li tahthom jaqghu l-akkuzi migjuba fil-konfront ta'l-imputat, dina l-Qorti sejra tezamina jekk il-prosekuzzjoni irnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-imputat kien jaf illi d-dokument li kien qed jaghmel uzu minnu kien wiehed falz.u illi kien qieghed jaghmel xi dikjarazzjoni falza fid-dokument AS4.

Illi l-Qorti hija tal-fehma illi dina l-intenzjoni jew il-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dawn ir-reati bl-ebda mod ma gie ippruvat u dana ghas-segwenti ragunijiet.

1. L-imputat ma jaghtix ix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, izda mill-istqarrijiet rilaxxjati lill-pulizija jirrizulta illi huwa kien halla f'idejn certu wiehed Joseph Gulia mis-Siggiewi sabiex timtela id-Dokument AS4. Dana Gulia qatt ma gie rintraccat mill-pulizija u l-imputat stqarr illi iltaqa' mieghu darba sabiex jimlielu dina l-formola u cioe' l-Ascyuda 1 d-Dokument AS4, wara li kien introducieh mieghu certu Peter Brown li ukoll ma tressaqx bhala xhud f'dina l-kawza. Inoltre huwa jichad illi uza xi dokument falz sabiex jiddikjara valur iehor f'dina id-dikjarazzjoni.

2. L-imputat jichad illi huwa iffirma id-Dokument MS4 u meta muri dana id-Dokument jichad illi l-firma fuq id-dokument hija tieghu.

3. Ix-xhieda kollha migjuba mill-prosekuzzjoni u senjatament Anton Spiteri jiddikjara illi huwa ma jafx min kienet il-persuna li imliet id-Dokument MS4 u lanqas jaf ta' min hija l-istess firma. Ix-xhud Anthony Cassar, Spettur tad-Dwana ighid illi kellem lil Schembri darba biss u dana sabiex tigi esplorata il-possibilita' illi il-kwistjoni tigi risolta

internament mad-Dipartiment. Hadd mix-xhieda l-ohra ma jindika illi qatt iltaqghu ma'l-imputat. Dawna ix-xhieda lanqas ma jidnikaw minn ipprezenta l-invoice Dokument AS10.

4. Mill-ittri rogatorji Dokument HMRC jirrizulta illi l-persuni involuti f'dana il-kaz li huma barranin ma setghux jikkonfermaw id-Dokumenti AS16 sa AS22 minn fejn jirrizulta l-valur ta' din il-magna u dana peress illi minhabba it-trapass taz-zmien id-dokumenti gew distrutti u huma lanqas ma setghu jiftakru mill-memorja il-fattispecje ta' dana il-kaz. Ghaldaqstant l-invoices li jindikaw il-valur ta' dina l-magna qatt ma gew ikkonfermati bil-gurament. L-unika prova li hemm huwa biss il-bank transfers mibghuta mill-imputat minn fejn jirrizulta l-ammont illi huwa hallas prezumibbilment ghal dina l-magna.

5. Illi ghaldaqstant ma hemm l-ebda prova guramentata fl-atti ghar-rigward ta' kemm kien il-valur reali tal-oggett importat mill-imputat.

6. Ma hemm lanqas l-ebda prova dwar il-veracita o meno tad-Dokument AS10 u cioe' d-dokument rilaxxjat allegatament mis-socjeta General Equipment Limited liema dokument jindika illi l-valur tal-magna huwa ta' 70550DM. u dana peress illi ma tressaq l-ebda xhud rappresentant ta' dina s-socjeta. Ghalhekk ma hemmx prova jekk dana d-dokument huwiex wiehed falz. Inoltre qatt ma gie ipprezentat l-original ta' dana id-dokument. Jidher illi s-socjeta General Equipment Ltd tinsab fi stadju ta' straljc u il-likwidaturi ma kenux lanqas f'posizzjoni jikkonfermaw l-invoices peress illi l-inkartament kollha kien gie ukoll distrutt minhabba t-trapass taz-zmien.

7. Ma saret l-ebda talba mill-prosekuzzjoni sabiex jigi stabbilt permezz ta' espert tal-kalligrafija jekk l-kalligrafija li tidher fuq id-dokument AS4 u l-firma fuq l-istess kenux jappartjenu lill-imputat u dana sabiex jigi ippruvat jekk kienx l-imputat li ghamel dina id-dikjarazzjoni falza.

Ghaldaqstant ma hemm l-ebda prova konkreta illi l-imputat konsapevolment iddikjara il-valur tal-magna minnu importata inqas minn dak li realment kienet tiswa dina l-magna bl-iskop illi huwa jevadi t-taxxa u li ipprezenta dokument falz sabiex jiggustifika dina id-dikjarazzjoni. Illi mill-l-ewwel stqarrija rilaxxjata minnu jidher illi l-imputat lanqas biss kien jaf kemm hallas ghal dina l-magna u minn jeddu ghadda d-dokumentazzjoni lill-ispettur investigattiv sabiex jivverifika dan. Illi ghalhekk jibqa' id-dubbju ghar-rigward ta' min mela il-formola Ascyuda1 Dokument AS4 u minn ghamel il-firma fuq l-istess, jibqa id-dubbju jekk l-imputat kienx jaf x'valur kien gie imnizzel f'dina l-formola; jibqa id-dubbju ghalhekk jekk l-imputat ghamilx dana konsapevolment bl-intenzjoni li jevadi t-taxxa. Kif ukoll jibqa' id-dubbju jekk id-Dokument AS10 huwiex wiehed falz u min ipprezenta dana id-dokument.

Illi ghalhekk minhabba dana kollu u cioe' minhabba l-fatt illi ma hemmx provi ghar-rigward tal-*mens rea* ta' l-imputat fid-dawl ta' dawn in-nuqqasijiet fil-provi prodotti, l-Qorti ma tistax tasal sabiex issib lill-imputat hati ta' xi wahda jew aktar mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn kull akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------